Consumer Claims Tribunal

Grazio Tabone

Vs

Melita Ltd

CCT 148/22/MM

Illum, 10 ta' Settembru 2024

It-Tribunal,

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-10 ta' Novembru, 2022 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' seba mitt ewro (€700) minħabba danni allegati fit-televiżjoni tiegħu.

Ra r-rispsota tas-socjeta' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza, inkluż sett ta' ritratti u diversi korrispondenza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Sema' t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti qed jitlob is-somma ta' seba mitt ewro (€700) minħabba danni allegati wara li daħallu ilma fil-connection tal-wire tas-soċjeta' intimata li wassal biex jidħol ilma fil-modem li kkaġuna short circuit fit-televizjoni. Illi fis-seduta tal-21 ta' Frar 2023 ir-rikorrenti xehed bil-ġurament u ppreċiża li l- ilma daħal fil-cables li hemm imwaħħlin mal-faċċata tad-dar u li sussegwentement jidħlu fis-sistema tad-dawl tad-dar tiegħu. Huwa jgħid li kien jaf li kien daħal l-ilma fil-modem

għax it-technician tal- Melita stess kien qallu li l-problema kienet għax daħal l-ilma mill-connection ta' barra. Illi r-rikorrenti jgħid li kien mar għand is-soċjeta Maxi Quartz SPL Ltd u dawn kienu tal-opinjoni li l-ħsara fit- televizjoni kienet dovuta għall-ilma li kien hemm fil-wire tal-Melita Ltd.

Illi s-soċjeta intimata irrispondiet u ddikjarat li qegħda tikkontesta u tiċħad it-talba fil-fatt u fid-dritt u tiċħad kwalunkwe responsabbilita' għad danni mitluba. Illi hija ssostni li l-modem ma setax jikkaġuna short circuit fit-televizjoni u dan minħabba li l-cable tal-modem qatt ma jkun konness mat-televizjoni u għalhekk ħsara f'dan il-cable ma setax twassal għall-ħsara fit-televizjoni. Barra minn hekk is-soċjeta intimata tgħid li r-rikorrenti kien irritorna tali modem u wara li saritlu spezzjoni irriżulta li kien qed jaħdem kif suppost u għadu jaħsem sal-llum. L-istess ingħad għad-decorder tat-televizjoni li dan m'għandu l-ebda ħsara u għadu jiffunzjoni u jintuża mir-rikorrenti sal-llum.

Illi is-seduta tat-23 ta' Mejju xehed bil-ġurament Ryan Muscat prodott mis-soċjeta' intimata. Illi huwa ppreżenta Internal Report data 4 ta' Novembru 2022 u spjega li technician minn tagħhom kien mar fuq il-post u sab xi ilma fil-wire ta' barra. Illi hu jgħid dan l-ilma kien bħall qisu umdita, u jgħid li ma jistax ikun li kien hemm 'flowing water'. Huwa jgħid li kieku t-television sofra short circuit dan ifisser li l-ewwel u qabel kollox kien ifisser li jixxortja l-appartat tas-soċjeta' intimata. Illi huwa jgħid li l-appartat qatt ma xxortja u għalhekk jeskludi li l-apparat tas-soċjeta' intimata kien b'xi mod kaġun għad-dannu li sofra r-rikorrent fit-televiżjoni tiegħu.

Illi fis-seduta tas-16 t'Orttubru 2023 xehdet bil-ġurament Dr Stephanie Mifsud in rappreżentanza tas- soċjeta' intimata u ppreżentat korrispondenza bejn l-istess Dr Mifsud u Charlene Chetcuti, direttriċi ta' Maxi Quartz SPL Limited. Illi f'din il-korrispondenza is-soċjeta Maxi Quartz SPL Ltd iddikjarat li kienet ġiet imqarrqa mir-rikorrent u għalhekk kienet qegħdin jiddisassoċjaw ruħhom mir-rapport li huma għamlu.

Illi t-Tribunal jinnota li ma setax jitqabbad perit tekniku stante li t-televizjoni in kwisjtoni ġie distrutt fil-mori tal-kawża.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal jinsab rinfaċċjat b'kunflitt ta' provi għal dak illi jolqot il-mertu tal-kawza u ċioe dwar min mill-partijiet huwa responsabbli għall-akkadut. L-Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah" waqt illi l-Artikolu 559 tal-Kap. 12 jipprovdi illi, "Il-qorti għandha fil-każijiet kollha

tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib." Konfrontata b'kunflitt ta' provi t-Tribunal irid jgħarbel liema verżjoni hija tassew l-aktar waħda kredibbli. Kif ingħad fil-prinċipji ta' dritt traċċjati aktar 'il fuq, it-Tribunal irid jagħmel evalwazzjoni dwar jekk verżjoni waħda teskludix l-oħra. Fil-każ tal-lum l-ebda verżjoni ma tista' tiskredita lill-oħra.

Insab ravvisat fid-decizjoni fl-ismijiet "Carmelo Farrguia –vs- Rokku Farrugia", Prim' Awla, Qorti Civili, per Imhallef Maurice Caruana Curran, 24 ta' Novembru 1966, "il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda mizzewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."

Illi kif ġie osservat mis-soċjeta' intimata, xi tip ta' ħsara kienet eżistenti, tant li l-istess soċjeta' kienet marret fuq il-post u bidlet il-wire ta' barra li jeħel mal-faċċata tad-dar tar-rikorrenti. Għalhekk issa li jrid jiġi determinat minn dan it-Tribunal huwa kemm kienet il-firxa u l-estent tal-ħsara. Illi huwa evidenti li l-perm tal-kwistjoni hija materja teknika li kienet tkun mistħarrġa aħjar minn espert li għandu livell ta' għarfien lil hinn mill-kapaċità professjonali ta' dan it-Tribunal. Illi stante li televizjoni in kwisjtoni ġie distrutt fil-mori tal-kawża, dan it-Tribunal mhux f'pożizzjoni li jaħtar espert. Fl-istess waqt, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti ma ħarrikx lit-technicians tal-Melita li allegatament kien qallu li l-ħsara fit-televiżjoni kienet dovuta għall-ilma li daħal fil-cable tal-Melita li hemm imwaħħal mal-faċċata.

Illi t-Tribunal ha konjizzjoni tal-korrispondneza bejn Dr. Mifsud u Charlene Chetcuti, direttriċi ta' Maxi Quartz SPL Limited li minkejja li ma ġietx maħlufa, din ġiet esebit mis-soċjeta' intimata u r-rapport ossia Internal Report data 4 ta' Novembru 2022 preżentat fis-seduta tat-23 ta' Mejju minn

Ryan Muscat. Illi dawn id-dokumenti jagħmluha ċara li l-apparat tas-soċjeta' intimata ma setax jikkawża dan id-dannu allegat mir-rikorrent fit-televizjoi tiegħu u s-soċjeta' Maxi Quartz SPL Limited tmur pass oltre u tgħid li piet ingannata mir-rikorrenti (għalkemm tgħid li dan kien żball ġenwin stante li r-rikorrenti mhux persuna teknika u ma jifhimx fil-materja) u għalhekk qegħda tiddisassoċja ruħha mill- opinjoni li kieent għamlet inizzjalment fuq din il-kwisjtoni.

Illi t-Tribunal huwa tal-fehema li fiċ-ċirkostanzi, r-rikorrenti naqas li jipprova l-każ tiegħu u fuq bilanċ ta' probabbilita,' l-provi juri li l-apparat tas-soċjeta' intimata ma kiex ikkaġuna short circuit fit- televiżjoni.

Għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, ir-rikorrenti ma rnexxillux jipprova l-każ tiegħu sal-grad li trid il-liġi u għalhekk ser jiċħad l-ilment tar-rikorrenti.

DECIDE

Għal motivi senjalati dan it-Tribunal qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tiegħu.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru